MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 127/1997/2

**Gourmet Company Limited u Domenico Savio sive Savio Spiteri**

**v.**

**Mariano Vella u b'digriet tal-4 ta' Marzu, 2004, stante l-mewt ta' Mariano Vella fil-mori tal-kawza l-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Vella**

**Citaz Nru: 127/97**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-27 ta' Jannar 2005 tar-ritrattandi ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza kif ukoll ir-rikors l-iehor, presentat kontestwalment, sabiex din il-Qorti titlob "preliminary ruling" mill-Qorti Ewropea fis-sens kif imfisser f'dan it-tieni rikors;

Rat l-Artikolu 234 tal-"European Community Treaty";

Tosserva qabel xejn, fir-rigward ta' dak li jinghad fir-rikors li bih qed jintalab li ssir referenza ghal "preliminary ruling", illi kieku l-"communituy standards" tal-gustizzja ma ntlahqux diga` Malta anqas biss kienet tithalla tiffirma dan it-trattat;

Tosserva wkoll li f'dan ir-rikors, apparti referenza ghal principji generali, ma saret ebda referenza ghal xi disposizzjoni partikolari tat-trattat, jew ta' xi direttiva jew regolament ("acts of the institutions of the Community and of the ECB") li tirrikjedi interpretazzjoni ghall-fini biex tigi deciza din il-kawza ta' ritrattazzjoni;

Tosserva fl-ahharnett li l-principji ta' "equivalence" u "adequate legal protection" ma huma b'ebda mod relevanti ghaz-zewg kawzali li fuqhom hija bbazata r-ritrattazzjoni (cioe` l-paragrafi (i) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12), b'mod ghalhekk li anqas remotament ma jista' jinghad "that a decision on the question is necessary to enable it [din il-Qorti] to give judgment" skond kif jipprovdi l-Artikolu 234;

Tichad it-talbiet kontenuti fiz-zewg rikorsi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------